MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 40**

**It-Tnejn, 16 ta' Mejju 2022**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunitá tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 16 ta' Mejju 2022, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier

**SKUŻAT**: Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Is-Sinjura Miriam Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**40.1 Talba**

40.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5:00 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**40.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

40.2.1 Inqrat l-ittra ta' apoloġija tal-membru Carmel Farrugia.

**40.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

40.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-numri 38 u 39 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

40.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti. Ma saret l-ebda talba biex issir korrezzjoni.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

S.Borg

40.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u l-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 40.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

40.4.1 saret il-votazzjoni għar-residenti tal-Fontana fis-Sala tal-Komunità waqt l-Elezzjoni Ġenerali tas-26 ta' Marzu, 2022;

40.4.2 wara konsultazzjoni mal-kunsilliera kellha tintrema l-platform li kien hemm fis-sala tal-komunita minħabba li ġiet attakkata mit-termites;

40.4.3 sar it-tiġdid ta' diversi qsari li hemm mal-monumenti, in-niċċa tas-Salvatur, ħdejn ir-railing 'l isfel mill-knisja kif ukoll ħdejn l-uffiċċju tal-kunsill;

40.4.4 sar iż-żbir tal-*hedges* tal-belvedere Ta' Mulejja u tal-*playing field*;

40.4.5 saret manutenzjoni tal-i*street furniture* ta' Pjazza l-Għejun, tal-Belvedere ta' Mulejja, tal-Għajn ta' Bendu, fejn il-Knisja Parrokkjali u ħdejn Cini's Bakery;

40.4.6 tpoġġew il-fanali l-ġodda – 8 fi Triq ta' Mulejja u 4 fi Triq San Martin. Fejn kien hemm il-lampi dawn inqalgħu u nġabru fil-garaxx tal-kunsill;

40.4.7 inbidel il-*litter bin* ta' ġewwa ta' Triq il-Kardinal Alessandro Franchi peress li l-qiegħ kien spiċċa;

40.4.8 sar il-qtugħ tal-ħaxix u t-tindif tat-toroq;

40.4.9 saru r-*road markings* fi Triq il-Kappillan Hili. Is-sindku rringrazzja lil Horace Micallef li ħa ħsieb li jsir dan ix-xogħol;

40.4.10 fuq il-bejt tad-dar nru. 77, Triq tal-Għajn, bil-permess tas-sid, tpoġġa tank mill-kumpanija The Exterminator li jkollu għalf ittrattat biex il-ħamiem selvaġġ li hemm f'din iz-zona jiekol minnu u biż-żmien jiġi sterilizzat u b'hekk ma jkomplix jimmoltiplika. Dan is-servizz ingħata lill-kunsill wara li saru diversi talbiet. S'issa ingħata servizz wieħed għal kull lokalità u nittamaw li 'l quddiem ikun hemm possibiltà li ningħataw aktar biex inkomplu npoġġuhom fejn hemm bżonn;

40.4.11 infetaħ kont il-bank sabiex jitħaddem għas-sistema ġdida tal-permessi onlajn li joħroġ il-Kunsill;

40.4.12 twaħħal apparat ta' sistema awtomatika fi Triq John Gaspard Le Merchant minħabba s-sajjetti biex meta taqa' s-salvavita tal-fanali ta' din it-triq u dawk fi Triq il-Kardinal alessandro Franchi din terġa' tibda taħdem b'mod awtomatiku;

40.4.13 il-ħanut 'Bookworm' biegħ il-ħames kopji tal-ktieb Il-Fontana u Ġrajjietha; fuq proposta tas-sindku l-kunsill qabel li jingħataw ħames kopji oħra għall-bejgħ;

40.4.14 tħallset l-assikurazzjoni tal-Kunsill mal-Accord Insurance Brokers PCC Ltd;

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



S.Bey

40.4.15 ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-qsari fl-inħawi fejn sar il-proġett tal-kisi bil-porfido fir-rigward tal-iskema għall-Kunsilli Lokali fuq Proġett Ambjentali 2022 mnehdija mill-Ministeru għall-Ambjent u l-Klima. L-applikazzjoni ġiet imħejjija mill-Med. Developers Ltd;

40.4.16 il-Kunsill talab *clearance* lill-Awtorità tal-Artijiet fir-rigward tal-approvazzjoni ta' PA/01324/12 biex issir *exit* fi Trejqet ix-Xagħri għax-xelter;

40.4.17 ġie nnutata li l-kuntratt tal-iskrivan irid jitranġa peress li fih żball minħabba li hu mniżżel li jrid jaħdem 25 siegħa fil-ġimgħa. Dan ġie ngaġġat biex jaħdem erba' sigħat kull nhar ta' Sibt biss u għaldaqstant irid jiġi regolat qabel tagħlaq il-*probation* jew inkella jitwaqqa'. Il-membri qablu.

**40.05 Aġġornament dwar l-iffirmar tal-kuntratt ta' devoluzzjoni tal-fond 189/190 fi Triq tal-Għajn k/m Triq ta' Mulejja għall-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku**

40.05.1 Wara li s-sindku kien ġibed l-attenzjoni għal darbtejn dwar l-iffirmar tal-kuntratt relatat li kien ntbagħat mill-kunsill lill-Awtorità tal-Artijiet fit-13 ta' Jannar 2022, dan ġie ffirmat mill-istess Awtorità u wasal għand il-kunsill nhar it-12 ta' April 2022.

40.05.2 Fuq proposta tas-sindku l-membri qablu li tinħareġ l-offerta tat-twaqqiegħ u tal-bini ta' dan il-fond. Il-kuntratt tad-devoluzzjoni jinsab anness f'Dokument A.

**40.06 Konklużjoni u ħlasijiet marbuta mal-proġett ta' tisbiħ bil-profido**

40.06.1 Is-Sindku, Saviour Borg għarraf lill-membri li l-kontijiet ġew iċċertifikati u ntbagħtu lill-Awtorità tal-Ippjanar biex isir il-ħlas finali. Saru wkoll il-*press releases* neċessarji u relatati ma' dan il-proġett, mill-Planning Authority.

40.06.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li ntbagħtet il-pjanta tal-Perit lill-Transport Malta biex Triq ta' Mulejja u Trejqet iċ-Ċentru Ċiviku jsiru pedonali, kif kien ġie approvat mill-kunsill.

**40.07 Għoti ta' Offerti (Electric Van) u ħruġ ta' oħrajn ġodda**

40.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li nħarġet l-offerta FLC/014/2022 - *Supply of a Full Electric Van.* Din għalqet fit-12 ta' April 2022 u ntefgħet offerta waħda. Din intbagħtet lill-Inġinier minn GaleaCurmi fejn ġiet evalwata. Skont l-Inġinier, l-offerta mixħuta fiha xi nuqqasijiet li jridu jiġu indirizzati mill-offerent.

40.07.2 Sar qbil li l-membri tal-bord ikunu s-Sindku Chairman, membri l-Viċi Sindku, Horace Micallef, l-Inġinier Marita Grech u segretarju tal-bord William Sultana.

40.07.3 Fuq proposta tas-sindku l-kunsill qabel li tinħareġ l-offerta għal żewġ fanali dekorattivi bi tlett globi 'l wieħed li jkunu jixbħu lil dawk, li hemm fi Triq il-Għajnu u Triq l-Isptar San Ġiljan;

40.07.03 Jinħarġu wkoll żewġ offerti għat-twaqqiegħ u l-bini tal-fond nru: 189/190 k.ma' Triq ta' Mulejja biex tkun tista' tinbena l-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku li tinkludi l-uffiċċju tal-kunsill;

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

40.07.04 Għandha tinħareġ ukoll l-offerta fir-rigward tal-proġett tar-refurbishing tal-playingfield tal-lokalità li jinkludi l-manutenzjoni tal-bejt tas-sala tal-komunità kif ukoll tqegħid ta' tapiti sħaħa u ċċangar bil-porfido;

**40.08 Sitwazzjoni tat-tiswija tal-bejt tal-Għajn ta' Bendu**

40.08.1 Is-Sindku, Saviour Borg qal li nqala' s-saqaf u għarraf lill-preżenti li x-xogħol ilu wieqaf madwar xahrejn peress li fil-preżent ma kienx hawn travi. Dawn suppost għandhom jaslu f'dawn il-ġranet.

40.08.2 Is-sindku qal li attenda għal-laqgħa li saret fuq il-post mid-Direttur għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex b'rabta mat-tiswija tal-bejt tal-Għajn ta' Bendu minkejja li ma kienx ġie infurmat dwarha, iżda sar jaf minn terzi. Waqt din il-laqgħa ġie kkonfermat li x-xogħol u l-materjal ser jitħallsu mill-Ministeru għal Għawdex flimkien mal-ispejjeż tal-perit Saliba.

**40.09 Riżultat tal-interview għall-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv**

40.09.1 Fit-23 ta' April, 2022 saret l-intervista lill-unika persuna li kienet eliġibbli għal dan il-post.

40.09.2 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-President tar-Reġjun qal li ma jridx ħlas talli kien fil-bord tal-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv u lanqas Rita Mifsud Attard li għal dan l-interview ġiet maħtura mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tkompli l-proċess peress li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv kienet indisposta. Il-membri qablu li lil din tal-aħħar jinxtralha rigal żgħir. Min-naħa tiegħu s-sindku ser ikun ukoll qed jirrinunzja għal ħlas kif għamel kull darba li kien membru tal-bordijiet għall-għażla.

**40.10 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward:-

40.10.1 Ċirkulari 1/2022 – Allokazzjoni Finanzjarja għall-2022, Case 23/2022 – Talba għall-Fondi ta' Aġġustament għas-sena 2022;

40.10.2 Ċirkulari 3/2022 – Elezzjoni Ġenerali 26 ta'Marzu 2022;

40.10.3 Ċirkulari 4/2022 – Proċedura dwar Sindku u Kunsillieri Eletti fil-Kamra tad-Deputati fl-Elezzjoni Ġenerali tas-26 ta' Marzu, 2022;

40.10.4 Ċirkulari 5/2022 – Kjarifiki dwar il-Ftehim Kollettiv għas-Segretarji Eżekuttivi;

40.10.5 dettalji dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-Segretarji Eżekuttivi li jaħdmu mal-Kunsilli Lokali. Dan il-ftehim ġie ffirmat fit-18 ta' Frar 2022;

40.10.6 membru mill-*Information Management Unit* li ser iżur l-uffiċċju biex jara l-*ports* tan-*network* tal-Kunsill. Dan sabiex jiġi preparat d-dokument li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser joħroġ għas-sejħa tal-apparat tan-*network* fil-Kunsilli Lokali;

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

S. Borg

40.10.7 SPI.SCI.3.2022 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2022/2023. Is-sindku qal li din ma tgħoddx għal Għawdex;

40.10.8 SPI.SCI.4.2022 – Korsijiet LifeLong Learning 2022/2023;

40.10.9 Training għall-persuni eletti – the Pre-Defined Project (PDP3) Co-funded by the Norwegian Funding Mechanism 2014 – 2021;

40.10.10 EURegionsWeek 2022, information for EGTCUM members.

**Tressqet korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex rigward:**

40.10.11 l-installazzjoni ta' *Underground Waste Collection Systems*. Il-Kunsill qabel li hu diffiċli biex jinstab post għalihom fil-lokalità tagħna;

40.10.12 konverżjoni ta' *Community Clinics* fil-Lokalità;

40.10.13 ħatra tal-ambaxxatur taż-żgħażagħ mil-Lokalità li jrid ikun ta' età bejn is-16 u t-18-il sena;

40.10.14 il-laqgħa numru 108 tar-Reġjun Għawdex li saret fid-9 ta' Mejju 2022;

40.10.15 l-*EU & Local Funds Manager* li għadu kif ġie appuntat mar-Reġjun Għawdex. Hu ta d-dettalji tax-xogħol tiegħu u ta' kif il-Kunsilli jistgħu jakkwistaw għajnuna permezz ta' dan ix-xogħol;

40.10.16 il-*Project Management Officer* għadu kif ġie appuntat mar-Reġjun Għawdex. Hu ta d-dettalji tax-xogħol tiegħu u ta' kif il-Kunsilli jitsgħu jakkwistaw għajnuna permezz ta' dan ix-xogħol;

40.10.17 Technical Assistance Call for the New European Bauhaus Local Initiatives;

40.10.18 il-proġett – X'hemm fir-Reġjun Għawdex?

**Tressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali (AKL) rigward:-**

40.10.19 Sessjoni ta' taħriġ fuq *Digital Marketing* u l-użu aħjar tas-*Social Media*;

40.10.20 Ċir AKL 2022/032 – AKL Webinar Best Animal Society 21/04/2022;

40.10.21 Ċir AKL 2022/038 Workshop – Green Public Procurement 04/05/2022;

40.10.22 it-tnehdija mill-*European Committee of the Regions* dwar il-*Young Elected Political programme 2022*

**Tressqet korrispondenza mingħand:-**

40.10.23 il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fejn ġie mitlub biex il-Ministeru jkun infurmat bl-attivitajiet li jkunu ser jiġu organizzati biex jitniżżlu fil-kalendarju tal-Gvern;

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

40.10.24 l-ERA sabiex il-Kunsill jinnomina uffiċjal biex jattendi kors fuq l-Ortikultura u l-*landscaping*;

40.10.25 l-Awtorità tal-Ippjanar rigward PA/02795/22 tas-sit ta' xelter ta' Trejqet ix-Xagħri, biex titwaħħal in-notifika fuq is-sit;

40.10.26 l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika rigward Job Vacancy Survey 2022/ Quarter 1;

40.10.27 l-Enemalta rigward regolarizzazzjoni ta' dawl tat-toroq. Is-sindku informa lill-kunsill li ma għandniex bozoz u lampi x'nirregolaw għax il-kunsill qatt ma għamel dwal mingħajr l-approvazzjoni tal-enemalta;

40.10.28 il-Ministeru għall-Wirt Kulturali, Arti u Gvern Lokali, l-Ministeru għall-Ugwaljanza, Riċerka u Innovazzjoni u l-Awtorità għat-Turiżmu fejn ġie ffirmat *Memorandum of Understanding* rigward it-*ticketing platform* tal-MTA;

40.10.29 l-Aġenzija Sapport fejn ingħataw dettalji rigward is-servizzi tal-*blue badge*;

40.10.30 il-Kappillan tal-Parroċċa fejn qal li ma jixtieqx li jitpoġġa fanal fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali bejn it-twieqi tad-dar parrokkjali. Dan, kif qal, minħabba li jkun ta' ostaklu waqt il-ġranet tal-armar u ż-żarmar tal-festa;

40.10.31 il-Fontana *Clean-Up Group* fejn għarrfu lill-membri bil-*clean-ups* li twettqu. Il-membri qablu li jinxtraw ingwanti protettivi lill-membri ta' dan il-grupp;

40.10.32 CFS & Fibromalgia Alliance rigward Light Up the Night 2022;

40.10.33 Il-President Emeritu Marie-Louise Coleiro Preca rigward maratona fuq l-istazzjonijiet televiżivi biex jinġabru fondi għat-tfal bl-awtiżmu. Din saret fis-7 ta' Mejju 2022;

40.10.34 *Info Session for the Culture & Creative Sectors in Gozo* li ser tiġi organizzata mill-*Cultural Heritage Directorate* fi ħdan il-Mnisteru għal Għawdex, fis-16 ta' Mejju 2022;

40.10.35 *Europe Day Next Generation EU – Business Breakfast* organizzat mill-*Europe Direct Gozo* fit-13 ta' Mejju 2022;

40.10.36 *Info-Session - First Call for Project Proposals – Interreg Europe programme* 2021-2027 li ser isir fis-17 ta' Mejju 2021;

40.10.37 Ryan Debrincat, eks Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill fejn talab €1,529.30 li huma arretrati li għandu jieħu skont il-kundizzjonijiet tax-xogħol ġodda tas-Segretarji Eżekuttivi li ġie ffirmat fit-18 ta' Frar 2022; Il-Kunsill qabel li dan għandu jiġi vverifikat mis-segretarju eżekuttiv;

40.10.38 Konferenza organizzata mill-Oasi Foundation fit-18 ta' Mejju, 2022 bit-titlu – Ix-Xogħol u l-Addiciton;

40.10.39 John M Cassar fejn bagħat stima tal-bandalora tal-Fontana li ser tiġi tiswa €450, VAT inkluża; il-Kunsill qabel li jordnaha;

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

40.10.40 Carmel Micallef, ko-ordinatur tal-proġett WiFi4EU fejn bagħat id-dettalji ta' x'baqa jsir biex dan il-proġett jiġi finalizzat;

40.10.41 l-Awtorità tal-Ippjanar fejn bagħtet id-dettalji biex skont l-Avviż Legali /295/07) ma jistax isir skavar u twaqqih f'żoni turistiċi fil-ġranet tas-sajf;

40.10.42 l-uffiċċju *Events and Promotions* fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikultura sabiex il-Kunsilli Lokali jipparteċipaw fl-Imnarja 2022; Is-sindku ppropona li ssir ħarġa għar-residenti tal-Fontana għal din l-attività. Sar qbil unanimu li l-ħlas ikun €5 għar-residenti tal-Fontana u jekk ikun hemm wiesgħa €10 għal min mhuwiex mil-lokal;

40.10.43 l-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta rigward il-Memorandum ta' Ftehim dwar il-Ħaxix Selvaġġ. Il-Kunsill intalab jibgħat lista ta' passaġġi rurali li qed jipproponi li fihom ma jinqatax il-ħaxix ħażin;

40.10.44 *Urban Furniture Malta* fejn bagħtu ritratti ta' bankijiet li għandhom għall-bejgħ;

40.10.45 Transport Malta rigward dettalji dwar iż-żjara tal-Papa Franġisku f'Għawdex li saret fit-2 ta' April 2022;

40.10.46 l-Għaqda Armar Fontana fejn intalab permess biex jitpoġġa Kurcifiss bil-ward bejn it-30 ta' Marzu u d-19 ta' April 2022 fl-ispazju miftuħ fejn hemm il-monument tal-logħob tan-nar. Kien hemm qbil li jingħata l-permess;

40.10.47 il-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana fejn talbu permess għall-attività li saret fid-9 u fit-13 ta' April 2022. Din kienet *Drive-thru* fit-toroq Kardinal Alessandro Franchi, John Gaspard le Merchant u Triq Mons. Mikiel Buttigieg. Kien ingħata l-permess għal din l-attività wara konsultazzjoni ma' Transport Malta. Is-sindku għamel enfasi mal-organizzaturi biex ma jiġrix bħas-sena l-oħra fejn kien intefa' ramel mill-Ministeru għal Għawdex fuq talba tal-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana mingħajr ma ġie infurmat il-Kunsill. Dan bil-konsegwenza li lir-residenti inħolqilhom inkonvenjent kbir bit-trabijiet li kienu jtiru fis-sajf u bit-tajn tal-istess ramel fix-xitwa li kien jinġarr bl-ilma tax-xita għal wara l-bibien tan-nies. Għalhekk din is-sena ma ntefax ramel;

40.10.48 il-Kappillan tal-Parroċċa fejn talab koperazzjoni mill-Kunsill Lokali fir-rigward tal-Festa Tfal li ser issir fis-7 ta' Ġunju 2022. Il-membri qablu li l-Kunsill jiffinanzja l-ispiża għal-logħob li ser jiġi organizzat waqt din l-attività li ser issir b'kollaborazzjoni mal-parroċċa. Fuq proposta tas-sindku l-membri qablu wkoll li jkun hemm il-parteċipazzjoni tal-*Community Police*

40.10.49 applikant li talab permess biex ipoġġi *tower crane* għal sit ta' kostruzzjoni fi Triq ta' Mulejja. Minħabba li dan il-crane hu maħsub li jokkupa l-ispazju f'din it-triq għal diversi xhur, saret konsultazzjoni ma' Transport Malta u ntalbu d-dokumenti meħtieġa biex ikun jista joħroġ il-permess mitlub u jitħallsu l-pagamenti dovuti li jammontaw għal €15 kuljum. Is-sid issottometta wkoll dokumenti maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar;

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

40.10.50 ir-Reġjun ta' Għawdex fejn talab dettalji dwar il-ġbir tal-iskart muniċipali biex tkun tista' toħro l-offerta reġjonlali mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel li r-rotta fil-lokalità tibqa' l-istess. Dwar il-ħin tal-ġbir qed jiġu proposti tliet ħinijiet – fis-07:00. Fil-17:30 jew fil-23:00. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-kunsill qabel b'mod unanimu li tkun fis-7:00. Dwar il-qisien tat-trakkijiet għall-ġbir tal-iskart il-kunsill qabel li jkunu kemm trakkijiet kbar kif ukoll żgħar. Dawn id-dettalji ser jintbagħtu lir-Reġjun Għawdex;

40.10.51 Christian Tabone, Segretarju Għaqda Festa Għajn Tuta, biex javżana li ser tingħalaq it-triq minħabba li bħala parti mill-organizzazzjoni tal-festa Ta' Kerċem ser issir wirja tal-logħob tan-nar pyro musical nhar it-8 ta' Lulju 2022 bejn id-9:15 u l-10:15 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-Kunsill jiġbed l-attenzjoni lill-organizzaturi dwar il-fatt li dan huwa sit skedat bħala Natura 2000 fejn fl-inħawi hemm diversi siġar fosthom ħarrub li għandhom jiet ta' snin u diversi pjanti endemiċi. Għandhom jittieħdu wkoll il-prekawzjonijiet meħtieġa biex ma jinħarqux dawn is-siġar u pjanti speċjalment fis-sitwazzjoni ta' temp prevalenti ta' sħana qawwija;

## 40.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

40.11.1 Il-Viċi Sindku, Josephine Camilleri qalet li hemm bżonn titranġa r-rampa tal-garaxx ta' 268, Triq tal-Għajn. Billi din hi arterja ser jintalab li ssir min-naħa tal-Gvern Ċentrali.

40.11.2 Il-membru Horace Micallef ġibed l-attenzjoni li parti mill-bank tal-balavostri ta' fuq l-ispazju miftuħ quddiem il-monument tal-logħob tan-nar qed jitħarrek. Is-sindku qal li se jieħu ħsieb li dan jiġi rranġat.

40.11.3 Is-sindku semma li l-Perit John Saliba għadu ma ppreparax id-dokumenti għall-ħruġ tal-offerta tax-xogħol ta' Triq il-Għajn, bejn Pjazza Santu Wistin u Triq il-Kappillan Hili. Il-membri qablu li jekk id-dokumenti ma jkunux ippreparati sal-laqgħa li ġejja, għandhom jittieħdu l-passi biex jitqabbad Perit ieħor.

**Fuq proposta tas-sindku l-membri qablu li:-**

40.12.1 l-iskrivan Joseph Bajada jitħallas tal-*vacation leave* li ma ħax matul l-2021;

40.12.2 tiġi mġedda n-nomina tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv sakemm jiġi ngaġġat s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid;

40.12.3 Sar qbil li tiġi organizzata mawra għal Sqallija.

## 40.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

40.13.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 32/2022 għall-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2022 u s-16 ta' Mejju 2022 li tammonta għal €15,058.92 ġiet approvata u ffirmata.

## 40.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

40.14.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:00 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

40.14.2 Dawn il-minuti ġew ippreparati mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Miriam Attard u ġew ippreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv Heidi Grech.

Konfermati, illum it-Tnejn, 29 ta' Awwissu 2022.

Saviour Borg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA